



**Stqarrija għall-Istampa**  
Il-Lussemburgu, il-15 ta' Settembru 2021

# Is-sorveljanza fir-rigward tal-Istati Membri wara li jingħataw assistenza finanzjarja hija xierqa, iżda teħtieġ simplifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea tivverifika jekk l-Istati Membri taż-żona tal-euro li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku għadhomx b' mod ferm fit-triq it-tajba, fl-interess tal-Istati Membri nfishom u dak tas-selliefa tagħhom. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri eżaminat it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-effettività tas-sorveljanza ta' wara l-programm għall-ħames Stati Membri (l-Irlanda, il-Portugall, Spanja, Ċipru u l-Greċja) li rċewew appoġġ finanzjarju wara l-kriżi finanzjarja tal-2008. L-awdituri jikkonkludu li, filwaqt li s-sorveljanza kienet għodda xierqa, l-effiċjenza tagħha kienet imxekkla minn objettivi mhux ċari u mill-fatt li l-implimentazzjoni ma kinitx suffiċjentement issimplifikata u ffukata. Għalhekk huwa rakkomandat li jsir rieżaminar tal-proċessi u l-leġiżlazzjoni rilevanti, b' mod partikolari biex l-attivitajiet ta' sorveljanza jiġu integrati fis-Semestru Ewropew.

Matul il-perjodu 2010-2013, l-Irlanda, il-Portugall, Spanja, Ċipru u l-Greċja rċewew total ta' EUR 468.2 biljun f'assistenza finanzjarja. Il-liġijiet tal-UE jistipulaw li l-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku huma suġġetti għal sorveljanza addizzjonali. Attwalment, Ċipru, l-Irlanda, il-Portugall u Spanja huma suġġetti għal sorveljanza ta' wara l-programm (PPS). Il-Greċja hija suġġetta għal sorveljanza msaħħa, minħabba li hija meqjusa partikolarment vulnerabbli għal diffikultajiet finanzjarji li x'aktarx ikollhom effetti konsegwenzjali avversi fuq Stati Membri oħra fiż-żona tal-euro.

*"L-attivitajiet ta' sorveljanza ta' wara l-programm li eżaminajna kienu xierqa, iżda jeħtieġ li jiġu ssimplifikati",* qal Alex Brenninkmeijer, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. *"Aħna naħsbu li x-xogħol tagħna jista' jikkontribwixxi għar-rieżaminar li għadu għaddej tal-arranġamenti ta' governanza ekonomika fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Huwa jista' jikkontribwixxi wkoll għad-diskussjonijiet dwar it-tfassil ta' mekkaniżmu ta' sorveljanza possibbli għall-ħlas lura tas-seljiet li għandhom jiġu pprovduti taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza".*

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Sa Mejju 2021, il-ħames Stati Membri kollha kienu kkonformaw mal-obbligi tagħhom ta' ħlas lura u kienu reġgħu kisbu aċċess għas-suq b'rati tal-imgħax aċċettabbli. Is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni għenet biex jiġu assigurati s-swieq finanzjarji, għalkemm ma hemm l-ebda evidenza ulterjuri li din rawmet l-implimentazzjoni tar-riformi, parzjalment minħabba nuqqas ta' inċentivi u strumenti ta' infurzar b'saħħithom. L-awdituri sabu li s-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni tikkoinċidi parzjalment mal-monitoraġġ tal-kapaċità ta' ħlas lura li sar fuq l-istess Stati Membri mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà. Kien hemm ukoll trikkib bejn għadd ta' attivitajiet tal-Kummissjoni, jiġifieri bejn il-PPS u x-xogħol li sar fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Għalkemm l-analiżijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' Stat Membru kienu ġeneralment ta' kwalità tajba, ir-rapporti ppubblikati ma ffukawx suffiċjentement fuq il-kapaċità ta' ħlas lura tal-Istati Membri. L-informazzjoni dwar il-ħlasijiet lura tas-self spiss kienet imxerrda 'l hemm u 'l hawn fir-rapporti, u l-analiżijiet tar-riskji għall-kapaċità ta' ħlas lura kienu juru dgħufijiet. L-awdituri osservaw li l-leġiżlazzjoni ftit li xejn tippermetti flessibilità fl-implimentazzjoni: anki jekk il-Kummissjoni tivvaluta r-riskju għall-ħlas lura bħala baxx, hija ma tistax tissospendi s-sorveljanza tagħha jew tnaqqas il-frekwenza tar-rappurtar. Barra minn hekk, għall-erba' Stati Membri taħt il-PPS, il-Kummissjoni ma speċifikatx formalment liema riformi strutturali kienet biħsiebha timmonitorja. Kien hemm każijiet fejn hija kienet immonitorjat riformi li ġew implimentati minn Stati Membri li ma kinux daww maqbula taħt il-programm ta' aġġustament makroekonomiku.

Taħt sorveljanza msaħħa, l-Istati Membri jridu jadottaw miżuri biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) maħruġa taħt is-Semestru Ewropew. Bl-istess mod, taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza li ġiet approvata reċentement, l-Istati Membri jridu jispjegaw kif il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fis-CSRs tagħhom. Is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni hija intenzjonata biex tivverifika l-progress li sar mill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi li jiffaċċjaw, f'konformità mas-CSRs. Madankollu, filwaqt li l-istess task force tal-Kummissjoni hija responsabbli kemm għat-tmexxija tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif ukoll għall-koordinazzjoni tas-Semestru Ewropew, hija mhijiex inkarigata mis-sorveljanza msaħħa. Skont l-awdituri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis li tinkorpora l-PPS u s-sorveljanza msaħħa fis-Semestru Ewropew, u taqbel mal-awtoritajiet nazzjonali dwar lista dettaljata ta' riformi li għandhom jingħataw segwitu.

### Informazzjoni ġenerali

Dan ir-rapport jikkomplementa x-xogħol tal-awditjar preċedenti dwar l-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u l-governanza ekonomika tal-UE (is-"Six-Pack", it-"Two-Pack" u s-Semestru Ewropew).

Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2021: *"Is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni tal-Istati Membri li joħorġu minn programm ta' aġġustament makroekonomiku: għodda xierqa li teħtieġ simplifikazzjoni"* huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu))

### Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547

Vincent Bourgeais: [vincent.bourgeais@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeais@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502